MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 33/2000/1

Strickland Limited

Vs

Victor Mallia

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2000 fejn esponiet:

Illi hija tikri lill-intimat il-fond Flat 3, Block C, Marshall Court, Gzira bil-kera ta' tlieta u tmenin lira (Lm83) fis-sena pagabbli kull tlett xhur (3) bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta'April, 2000.

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera u fil-fatt naqas milli jhallas diversi skadenzi kera tant li l-ahhar li hallas kienet

ghall-iskadenza li ghalqet sin ilu; dan anke wara li gie diversi drabi nterpellat ihallas.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett kollu illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tiehu lura l-pussess tal-fond fuq imsemmi minghand l-intimat ghar-ragunijiet premessi u ghalhekk jiffissa terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament ta' l-intimat mill-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat fejn espona:

1. Illi ma huwiex minnu li l-esponenti huwa moruz ta xi ammont ta' kera billi l-esponenti hallas regolarment sakemm is-socjeta' rikorrenti bdiet tirrifjuta l-kera u l-esponenti beda jipprezentahom l-Qorti bid-debiti cedoli ta' depozitu.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju t-talba rikorrenti hija preskritta u l-azzjoni estinta billi bejn li giet prezentata u li gie notifikat biha ghadda z-zmien stabbilit mill-ligi.

B'riserva ta' sottomissjonijiet ohra.

Ra l-verbal ta' l-1 ta' Dicembru, 2004.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti

Ikkunsidra:

1. Il-Bord skond l-ahhar verbal se jikkunsidra t-tieni eccezzjoni ta' l-intimati.

"It-talba rikorrenti hija preskritta u l-azzjoni estinta billi bejn li giet prezentata u li giet notifikata biha ghadda z-zmien stabbilit mill-Ligi"

2. Dan ir-rikors gie prezentat fl-10 ta' Marzu, 2000. Kien gie kancellat mill-lista fit-2 ta' Mejju, 2001 billi ma kien sar l-ebda sforz ghan-notifika. Gie riappuntat ghas-smiegh fit-8 ta' Mejju, 2001. L-intimat fl-ahhar instab fil-31 ta' Ottubru, 2003. Giet prezentata risposta fl-4 ta' Marzu, 2004 u llum giet imqajjma l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-avukat ta' l-intimat talab li jittratta b'rikors tal-5 ta' Novembru, 2004 billi fis-seduta ta' qabel kien impenjat quddiem Qorti ohra. Dan ir-rikors intlaqa' fit-8 ta' Novembru, 2004. Fis-17 ta' Novembru, 2004 l-intimat esebixxa kopja ta' ircevuta. L-ghada 18 ta' Novembru, 2004 l-avukat ta' l-intimat gie ordnat mill-Bord jaghti kopja tad-dokumenti lill-kontro-parti u f'kaz li dan ma jsirx tinghata ordni ghall-isfilz taghhom. Fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004 l-avukat ta' l-intimat kien imsiefer u deher haddiehor floku li wieghed li ser iressaq nota ta' sottomissjonijiet fi zmien xahar. Dan ma sarx u s-socjeta' rikorrenti pprezentat in-nota taghha fit-13 ta' Jannar, 2005.

3. Dawn il-proceduri twalu htija taz-zewg partijiet.

4. Il-Bord ma jifhimx kif ghax rikors gie prezentat fl-10 ta' Marzu, 2000 u notifikat fil-31 ta' Ottubru, 2003 b'xi mod l-azzjoni ghall-izgumbrament giet 'estinta' ghax 'ghadda z-zmien stabbilit mill-ligi'. Il-Kap 69 li fuqu hi msejsa l-azzjoni ma jsmemi l-ebda preskrizzjoni jew estenzjoni ta' l-azzjoni. Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "Aquilina vs Friggieri" (Sede Inferjuri).

"Kif pacifikament akkolt f'bosta decizzjonijiet" il-Qorti ma tistax "ex ufficio" taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata - Artikolu 2111 tal-Kodici Civili u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod cert u esplicitu minn min jinvokaha."

(imsemmija fin-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti: ara wkoll fost ohrajn App. Kummercjali "Micallef noe vs Toledo et", 30 ta' Novembru, 1983, P.A. per C Scicluna , "Marotta vs Brincat", 17 ta' Gunju, 1982, App. Inf. "Xuereb vs Fiott", 3 ta' Dicembru, 1975)

Ghalhekk il-Bord jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jiddifferixxi r-rikors ghall-provi kollha li fadal u finali trattazzjoni ghall-21 ta' Marzu fil-11:00. Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------